31971L0162

L 87/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.4.1971

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-30 Marzu 1971

li temenda d-Direttivi ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali u tal-patata taż-żrigħ, id-Direttiva tat-30 Ġunju 1969 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u d-Direttiva tad-29 Settembru 1970 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-ħaxix

(71/162/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Billi huwa xieraq, għar-raġunijiet elenkati fis-segwenti reċitazzjonijiet, li jiġu emendati ċerti disposizzjonijiet tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pitravi ([2]), kif emendati bid-Direttiva tat-18 Frar 1969 ([3]), dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ([4]), kif emendata bid-Direttiva tat-18 Frar 1969 ([5]), dwar il-bejgħ taż-żerriegħa taċ-ċereali ([6]), kif emendata bid-Direttiva tat-18 Frar 1969 ([7]), u dwar il-bejgħ tal-patata taż-żrigħ ([8]), kif emendata bid-Direttiva tat-18 Frar 1969 ([9]), tad-Direttiva tat-30 Ġunju 1969 ([10]) dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra u tad-Direttiva tad-29 Settembru 1970 ([11]) dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-ħaxix;

Billi katalogu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli kien hemm provvediment dwaru fid-Direttiva tal-Kunsill tad-29 Settembru 1970;

Billi bażikament l-emendi tekniċi għall-Annessi għandhom jiġu ffaċilitati permezz ta' proċedura espedjenti;

Billi huwa meħtieġ li jiġi awtorizzat fil-futur l-użu tat-tikketti li jeħlu;

Billi d-disposizzjonijiet dwar testijiet komparattivi għandhom jiġu mwessa';

Billi huwa xieraq li ċerti ġeneri ta' pjanti ta' l-għalf jiġu suddiviżi f'diversi speċi ta' l-akbar importanza għall-agrikoltura, u li jiġu emendati ċerti disposizzjonijiet tekniċi;

Billi fil-każ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra, l-ispeċi tar-riġnuwa (fażola tal-kastru) u tal-ġulġlien m'hemmx għalfejn jinżammu fi ħdan l-iskop tad-Direttiva; billi, minn-naħa l-oħra, huwa xieraq li jiġu stipulati disposizzjonijiet partikolari fir-rigward ta' *monoecious*;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pitravi għandha tiġi emendata kif ġej:

1. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 6:

"l-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deskrizzjoni tal-komponenti ġeneoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa tiġi, jekk min irabbi hekk jitlob, trattata bħala kunfidenzjali.";

([1]) ĠU Nru C 101, 4.8.1970, p. 44.
([2]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2290/66.
([3]) ĠU Nru L 48, 26.2.1969, p. 4.
([4]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
([5]) ĠU Nru L 48, 26.2.1969, p. 8.
([6]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([7]) ĠU Nru L 48, 26.2.1969, p. 1.
([8]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2320/66.
([9]) ĠU Nru L 48, 26.2.1969, p. 7.
([10]) ĠU Nru L 169, 10.7.1969, p. 3.
([11]) ĠU Nru L 225, 12.10.1970, p. 7.

2. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 11 (1) (a) wara l-kliem "għaż-żerriegħa ċċertifikata";

"l-użu tat-tikketti li jeħlu għandu jkun awtorizzat; dawn jistgħu jintużaw bħala siġilli uffiċjali;"

3. Id-data ta' l-1 Lulju 1972 għandha tiddaħol minflok id-data mogħtija fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 16 (2).

4. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 20 (1):

"1. It-testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara l-kampjuni taż-żerriegħa tal-pitravi ċċertifikata miġbura waqt il-verifiki tal-kampjuni. Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa trid tkun konformi jista' jiġi vverifikat waqt it-testijiet ta' wara l-kontroll. L-arranġamenti sabiex jinżammu t-testijiet u r-riżultati tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21.";

5. L-Artikolu segwenti għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 21:

"*Artikolu 21a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li għandhom isiru fl-Annessi."

Artikolu 2

Id-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf għandha tiġi emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 2(1) (A) (a), għall-kliem:

"Agrostis spec	Ħaxix iebes ta' l-ispeċi *Agrostis*"

għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Agrostis canina* L. ssp. canina Hwd.	Agrostis canina L.
Agrostis gigantea	Agrostis gigantea
Agrostis stolonifera L.	Agrostis stolonifera L.
Agrostis tenius Sibth.	Agrostis tenius Sibth.";

2) Fl-Artikolu 2(1) (A) (a), għall-kliem:

"*Lolium spec.*	Sikrana"

għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Lolium multiflorum* Lam.	Sikrana Taljana (inkluża sikrana *Westerwold*)
Lolium perenne L	Sikrana perenni
Lolium x hybridum Hausskn.	Sikrana ibrida.";

3) Fl-Artikolu 2(1) (A) (a), għall-kliem:

"*Poa spec.*	Mellieġ"

għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Poa annua* L.	Mellieġ annwali
Poa nemoralis L.	Mellieġ ta' l-injam
Poa palustris L.	Mellieġ ta' l-għadajjar
Poa pratensis L.	Mellieġ taz-zokk lixx
Poa trivialis L.	Mellieġ taz-zokk aħrax.";

4) Fl-Artikolu 2(1) (A) (b), għall-kliem:

"*Lupinus spec. Lupinus perennis* L.	apparti milli Lupini apparti milli perenni"

Għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Lupinus albus* L.	Lupina bajdanija
Lupins angustifolius L.	Lupina kaħlanija
Lupinus luteus L.	Lupina safranija.";

5) Fl-Artikolu 2(1) (A) (b), għall-kliem:

"*Vicia spec Vicia faba major* L.	apparti milli Ġulbiena u fażola minbarra ful aħdar"

Għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Vicia faba L.ssp.faba var. equina Pers.*	Favetta
Vicia faba L var. minor (Peterm) bull.	Favetta
Vicia pannonica Crantz	Ġulbiena Ungeriża
Vicia sativa L.	Ġulbiena komuni
Vicia villosa Roth	Ġulbiena mxewka.";

6. Fl-Artikolu 3 (1), għall-kliem:

"Lolium spec."

għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"*Lolium multiflorum* Lam.

Lolium perenne L.

Lolium x hybridum Hausskn.";

7. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 6:

"l-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deskrizzjoni tal-komponenti ġeneoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa għandha, jekk min ikabbar hekk jitlob, li tkun ittrattata bħala kunfidenzjali.";

8. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 10 (1) (a) wara l-kliem "għal żerriegħa kummerċjali";

"l-użu tat-tikketti li jeħlu għandu jkun awtorizzat, dawn jistgħu jintużaw bħala siġilli uffiċjali;."

9. Id-data ta' l-1 Lulju 1972 għandha tidħol minflok dik mogħtija fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 16 (2).

10. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 20 (1):

"1. It-testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara l-kampjuni taż-żerriegħa bażika, b'eċċezzjoni ta' dik tal-varjetajiet ibridi jew sintetiċi, u taż-żerriegħa ċċertifikata tal-pjanti ta' l-għalf, miġbura waqt il-verifiki tal-kampjuni. Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa trid tkun konformi jista' jkun ivverifikat waqt it-testijiet ta' wara l-kontroll. L-arranġamenti sabiex jinżammu t-testijiet u r-riżultati tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21.";

11. Is-segwenti Artikolu għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 21:

"*Artikolu 21a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li sejrin isiru fl-Annessi.";

12. Fl-Anness II (I) (3) (A) (a), il-kliem "*Agrostis gigantea Roth*" għandu jidħol minflok il-kliem "*Agrostis alba*" u l-kliem "*Lolium multiflorum Lam*". minflok il-kliem "*Lolium multiflorum spec*".

13. Fl-Anness II (I) (3) (A) (b), iċ-ċifra "1.5" għandha tidħol minflok "0.1" biex tindika l-kontenut massimu taż-żerriegħa tal-ħaxix ħażin għal Hedysarum coronarium L.

14. Is-segwenti għandu jiġi miżjud ma' l-Anness II (I) (3) (B):

"(f) In-numru taż-żerriegħa ta' *Rumex obstusifolius* u *Rumex crispus* m'għandux jeċċedi 2 f'kampjun ta' 5 grammi";

15. Is-segwenti għandu jidħol minflok it-test ta' l-Anness II (I) (3) (C) (a):

"(a) Il-perċentwali bin-numru taż-żerriegħa ta' kulur ieħor m'għandux jeċċedi 2 fil-każ ta' lupini morri u 1 fil-każ ta' lupini oħrajn.";

16. Is-segwenti għandu jidħol minflok it-test ta' l-Anness II (III) (4) (a):

"Il-perċentwali bin-numru taż-żerriegħa ta' kulur ieħor m'għandux jeċċedi 4 fil-każ ta' lupini morri u 1 fil-każ ta' lupini oħrajn.";

17. Is-segwenti għandu jiġi miżjud ma' l-Anness IV (A) (a):

"10. Għall-varjetajiet taż-żerriegħa tal-ħaxix li għalihom ebda eżami dwar il-valur għaż-żera' u użu ma jkun sar permezz ta' l-Artikolu 4 (2) (a) tad-Direttiva tal-Kunsill tad-29 Settembru 1970 [1] dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli: 'mhux intiż għall-produzzjoni ta' l-għalf'."

Artikolu 3

Id-direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa taċ-ċereali għandha tiġi emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 2(1) (A), għall-kliem:

"*Zea mays L.*	Qamħirrum"

għandhom jiġu sostitwiti s-segwenti:

"'*Zea mays L.*except *Zea mays convar. microsperma (Koern)* u *Zea mays convar saccharata (Koern)*	Qamħirrum minbarra *popcorn* u qamħirrum ħelu.";

2. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 6:

"l-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deskrizzjoni tal-komponenti ġeneoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa tkun, jekk min ikabbar hekk jitlob, ittrattata bħala kunfidenzjali.";

3. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 10 (1) (a) wara l-kliem "tat-tieni ġenerazzjoni;":

"l-użu tat-tikketti li jeħlu għandu jkun awtorizzat; dawn jistgħu jintużaw bħala siġilli uffiċjali;";

4. Id-data tal-1 Lulju 1972 għandha tidħol minflok dik mogħtija fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 16 (2).

5. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 20 (1):

"Testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara l-kampjuni taż-żerriegħa bażika, b'eċċezzjoni ta' dik tal-varjetajiet ibridi jew sintetiċi, u taż-żerriegħa ċċertifikata tal-kwalitajiet kollha taċ-ċereali, miġbura waqt il-verifiki tal-kampjunar. Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa trid tkun konformi jista' jiġi verifikat waqt it-testijiet ta' wara l-kontroll. L-arranġamenti sabiex jinżammu t-testijiet u r-riżultati tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21.";

[1] ĠU Nru L 225, 12.10.1970, p. 1.

6. Is-segwenti Artikolu għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 21:

"*Artikolu 21a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li sejrin isiru fl-Annessi."

Artikolu 4

Id-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-bejgħ tal-patata taż-żrigħ għandha tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 21 għandu jiġi mħassar;

2. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 14(1):

"Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet minimi l-oħra stipulati fl-Anness I jista' wkoll jiġi vverifikat matul il-verifiki komparattivi.";

3. Id-data ta' l-1 Lulju 1972 għandha tidħol minflok dik mogħtija fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 15 (2).

4. Is-segwenti Artikolu għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 19:

"*Artikolu 19a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li sejrin isiru fl-Annessi."

Artikolu 5

Id-Direttiva tat-30 Ġunju 1969 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra għandha tiġi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 il-kliem "*Ricinus communis L* - Żerriegħa tar-riġnuwa" u "*Sesamum orientale L* - Ġulġlien (orjentali)" u r-referenzi kollha għaż-żerriegħa tar-riġnuwa u l-ġulġlien għandhom jiġu mħassra.

2. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 2 (1):

(a) fit-tmiem tas-Sezzjoni B (b), il-kliem:

"jew, fejn ikun xieraq, 'iż-żerriegħa ċċertifikata, tat-tielet ġenerazzjoni';";

(b) fis-Sezzjoni C, qabel il-kelma "qanneb", il-kelma "dioċenea"

(c) fis-Sezzjoni D, wara l-kliem "ful salvaġġ", il-kliem "qanneb monoċeneu"

(d) fis-Sezzjoni D (b), wara l-kliem "iż-żerriegħa ċċertifikata, tat-tieni ġenerazzjoni", il-kliem:

"jew, fejn ikun xieraq, tal-kategorija 'taż-żerriegħa ċċertifikata, tat-tielet ġenerazzjoni';";

(e) fl-aħħar tas-Sezzjoni E (b), il-kliem:

"jew, fejn ikun xieraq, li hija ntiża għall-produzzjoni taż-żerriegħa tal-kategorija 'żerriegħa ċċertifikata, tat-tielet ġenerazzjoni';";

(f) wara s-Sezzjoni E is-segwenti:

"E Żerriegħa ċertifikata, tat-tieni ġenerazzjoni (qanneb monoċeu): żerriegħa

(a) li hija ta' dixxendenza diretta minn żerriegħa ċċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni li ġiet stabbilita u kkontrollata uffiċjalment bl-għan speċjali li tiġi prodotta żerriegħa ċċertifikata tat-tieni ġenerazzjoni

(b) li hija intiża għall-produzzjoni tal-qanneb li għandu jiġi maħsud meta joħroġ il-fjur;

(c) li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Annessi I u II għaż-żerriegħa ċċertifikata; u

(d) li jkun instab permezz ta' eżami uffiċjali li jissodisfa l-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija.";

3. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 6:

"l-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deskrizzjoni tal-komponenti ġeneoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa tiġi, jekk min ikabbar hekk jitlob, ittrattata bħala kunfidenzjali.";

4. Is-segwenti għandu jiżdied ma' l-Artikolu 10 (1) wara l-kliem "għaż-żerriegħa kummerċjali":

"l-użu ta' tikketti li jeħlu għandu jkun awtorizzat; dawn jistgħu jintużaw bħala siġilli uffiċjali;";

5. Id-data ta' l-1 Lulju 1973 għandha tidħol minflok dik mogħtija fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 15 (2).

6. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 19 (1):

"1. Testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara-l-kampjuni taż-żerriegħa bażika, b'eċċezzjoni ta' dik tal-varjetajiet ibridi jew sintetiċi, u taż-żerriegħa ċċertifikata tal-kwalitajiet kollha tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra, miġbura waqt il-verifiki tal-kampjuni. Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa trid tkun konformi jista' jiġi verifikat waqt it-testijiet ta' wara l-kontroll. L-arranġamenti sabiex jinżammu t-testijiet u r-riżultati tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21.";

7. Is-segwenti Artikolu għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 20:

"*Artikolu 20a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li sejrin isiru fl-Annessi.";

8. Fl-Anness I (5) u fl-Anness II (1) (2) (A), il-kliem "iż-żerriegħa tar-riġnuwa" u "*Ricinus communis*","*Sesamum orientale* L", u l-ispeċifikazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-istess, għandhom jiġu mħassra.

9. Fl-Anness II (1) (2) (B) (e), il-kliem "*Cannabis sativa*" għandhom jidħlu minflok il-kliem "*Linum usitatissimum*".

Artikolu 6

Id-Direttiva tad-29 Settembru 1970 dwar il-bejgħ taż-żerriegħa tal-ħaxix għandha tiġi emendata kif ġej:

1. Is-segwenti għandu jidħol minflok l-Artikolu 39 (1):

"1. It-testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara l-kampjuni taż-żerriegħa bażika, b'eċċezzjoni ta' dik tal-varjetajiet ibridi u sintetiċi, u taż-żerriegħa tal-ħaxix iċċertifikata jew normali, miġbura waqt il-verifiki tal-kampjuni. Is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa trid tkun konformi jista' jiġi vverifikat waqt it-testijiet ta' wara l-kontroll. L-arranġamenti sabiex jinżammu t-testijiet u r-riżultati tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 40.";

2. Is-segwenti Artikolu għandu jiġi miżjud wara l-Artikolu 40:

"*Artikolu 40a*

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, għandu jadotta l-emendi kollha li sejrin isiru fl-Annessi."

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi:

(a) b'effett mill-1 Lulju 1970, mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 (3), ta' l-Artikolu 2 (9), ta' l-Artikolu 3 (4), ta' l-Artikolu 4 (3) u ta' l-Artikolu 5 (1), (2) u (7),

(b) mhux aktar tard mill-1 Lulju 1972, mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 (1), ta' l-Artikolu 2 (7) u (17), ta' l-Artikolu 3 (2), ta' l-Artikolu 4 (1), ta' l-Artikolu 5 (3) u ta' l-Artikolu 6;

(c) mhux aktar tard mill-1 Lulju 1971, mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 30 Marzu 1971.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SCHUMANN